MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 369/09LM

**Alfred Spiteri u Joseph Spiteri**

**vs**

**Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u l-Kummissarju tal-Pulizija; u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2010 l-Awtorità għat-Trasport f'Malta assumiet l-atti minflok l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-14 ta' April, 2009 mill-atturi **Alfred Spiteri u Joseph Spiteri** fejn ikkonfermaw bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra talbu li din il-Qorti:

1. *Illi fis-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993), Angelo Spiteri, illum mejjet, importa f'Malta tliet (3) vetturi tat-tip open top double deckers, bl-iskop speċifiku li dawn il-vetturi jintużaw sabiex jiġi provdut servizz ta' trasport, prinċipalment fis-settur tat-turiżmu. L-istess Angelo Spiteri kien ikkommetta ruħu għal dan l-investiment wara li dan it-tip ta' servizz kien ġie indirizzat favorevolment fil-Pjan Strutturali għall-Gżejjer Maltin ippubblikat fl-elf disa' mija u disgħin (1990), fejn fil-paragrafu mmarkat bħala Policy PTR12 kien ġie speċifikatament ikkontemplat li "Bus operators will be encouraged to experiment with special types of service for tourists such as open top buses and road trains";*

2. *Illi l-Awtorità konvenuta kienet espressament awtorizzat bil-miktub lill-imsemmi Angelo Spiteri sabiex jimporta u jopera l-imsemmija vetturi. L-imsemmija vetturi waslu Malta, fejn tħallas id-dazju relattiv fuqhom, u l-awtorità doganali lokali sussegwentement irrilaxxat il-vetturi skont il-liġi fil-pussess ta' Angelo Spiteri;*

3. *Illi sussegwentement saret talba formali għar-reġistrazzjoni tal-istess vetturi kif ukoll għall-għoti tal-liċenzji relattivi, bil-għan li l-vetturi de quo jkunu jistgħu jiġu operati għal skop tat-trasport ta' passiġġieri fit-toroq tal-Gżejjer Maltin;*

4. *Illi permezz ta' diversi komunikazzjonijiet, l-Awtorità konvenuta kienet uriet il-ħsieb tagħha li tikkonċedi l-liċenzji meħtieġa lil dawn il-vetturi. Dan il-ħsieb madankollu qatt ma mmanifesta ruħu fl-att pożittiv tal-għoti tal-liċenzji, bil-konsegwenza li Angelo Spiteri, u in*

*segwitu ta' mewtu, martu u wliedu, inkluż l-atturi, baqgħu miżmuma milli joperaw tali vetturi importati regolarment;*

5. *Illi l-imsemmi Angelo Spiteri, u wara l-mewt tiegħu, martu u wliedu inkluż l-atturi, ġew imċaħħda illegalment għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena mill-permessi u mil-liċenzji meħtieġa u dan stante li ma kienet teżisti l-ebda raġuni għaliex dawn il-permessi u liċenzji ma kellhomx jingħataw, kif del resto ġie kostantement ammess mill-Awtorità konvenuta.*

6. *Illi permezz ta' ilment bin-numru sitta (6) tal-elfejn u sitta (2006), l-atturi, flimkien ma' ommhom Marianna, armla ta' Angelo Spiteri, u oħthom Karen, miżżewġa Camilleri, aġixxew fil-konfront tal-Awtorità konvenuta bil-manjiera u bil-proċedura kkontemplati fil-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Illi permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fil-ħmistax (15) ta' Ottubru 2008, ġie dikjarat li l-għemil tal-Awtorità konvenuta fil-konfront tal-atturi kien leżiv tal-Artikolu 9(1), (2) (e) tal-Kap. 379, u li l-Awtorità konvenuta aġixxiet abbużivament, b'mod illi mmanipulat is-suq sabiex taġevola l-kompetituri diretti tal-esponenti;*

8. *Illi b'konsegwenza ta' dan kollu l-atturi, flimkien ma' ommhom Marianna armla ta' Angelo Spiteri u oħthom Karen miżżewġa Camilleri, sofrew danni kummerċjali sostanzjali, li għalihom huma unikament responsabbli l-konvenuti;*

9. *Illi filwaqt li l-esponenti baqgħu jitolbu lill-Awtorità konvenuta tinħarġilhom liċenzja sabiex joperaw bl-open top double decker buses, l-istess Awtorità konvenuta ħarġet liċenzji lill-operatur kompetitur biex jopera b'vettura l-istess għamla, iżda mhux lill-esponenti;*

10. *Illi permezz ta' skritturi privati datati tnejn (2) ta' April, 2009, l-imsemmija Marianna armla ta' Angelo Spiteri u Karen miżżewġa Camilleri assenjaw favur l-atturi d-dritt rispettiv tagħhom biex jipproċedu ġudizzjarjament kontra l-istess konvenuti għar-riżarċiment tad-danni subiti, b'liema assenjazzjoni l-konvenuti ġew mgħarrfa ġudizzjarjament, kif trid il-liġi;*

11. *Illi minkejja li ġew interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, il-konvenuti baqgħu lkoll inadempjenti.*

*Għaldaqstant l-atturi umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *tiddikjara u tiddeċiedi illi b'konsegwenza tal-għemil illegali tal-konvenuti kif premess, l-atturi sofrew danni inġenti għal liema danni huma responsabbli l-istess konvenuti, jew min minnhom;*

2. *tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi occorrendo permezz tal-opera ta' periti nominandi;*

3. *tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-atturi d-danni kif likwidati in forza tat-tieni domanda.*

*u dan previa kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Protest Gudizzjarju bin-numru 140/2009, u bl-imgħax legali, mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena 1994 sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti, li huma minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-**Kummissarju tal-Pulizija** li ġiet ippreżentata fit-23 ta' Settembru, 2009 fejn ġie eċċepit dan li ġej:

1. *Preliminarjament, l-esponenti mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi l-mansjoni tal-ħruġ ta' liċenzi relattivi għal open top double decker buses ma taqax fil-funzjonijiet tiegħu;*

2. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qiegħed jeċipixxi formalment ukoll illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenta ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) bit-trapass ta' snin mid-data minn meta r-rikorrenti ngħataw deċiżjoni dwar it-talba tagħhom;*

3. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu dina l-azzjoni qiegħda titlob id-diskussjoni mill-ġdid ta' mertu diġà trattat u deċiż fil-kawża fl-ismijiet 'Angelo Spiteri vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija u Michael Seychell bħala Chairman, għan-nom u in rappreżentanza tal-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku' (Appell Kostituzzjonali 1539/93) u dan saħansitra mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tad-19 ta' April 2004 u dan senjatament dwar it-talba għall-ħruġ ta' liċenzja tal-vetturi*

*mertu tal-kawża odjerna, dwar liema mertu l-azzjoni odjerna tikkozza mal-awtorità ta' res iudicata stabbilita permezz tal-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali;*

4. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess il-pretensjonijiet vantati mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda u dan peress illi r-rikorrenti ma għandhom ebda 'dritt' li jottjentu liċenzja iżda tali liċenzja tinħareġ a bażi ta' diversi konsiderazzjonijiet fosthom dawk ta' sigurtà tal-pubbliku;*

5. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma insostenibbli skont il-liġi, billi l-vetturi importati mill-atturi ma jikkonformawx mad-disposizzjonijiet viġenti;*

6. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għal-premess, ai termini tas-subinċiż 5 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-annullament minn Qorti ta' att amministrattiv kommess minn awtorità pubblika ma twassalx għal għoti ta' danni mill-istess Qorti sakemm ma jiġix ippruvat li l-awtorità pubblika aġixxiet in mala fede, irraġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġjonevolement tiġi miċħuda taħt kull setgħa oħra;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Awtorità għat-Trasport f'Malta** ippreżentata fil-25 ta' Settembru 2009, fejn eċċepiet dan li ġej:

***Difiża***

*L-atturi qed jippretendu, in effett li l-Awtorità abbużat mill-poteri tagħha u li bħala konsegwenza tal-abbuż huma sofrew danni, li għalihom għandha tirrispondi l-Awtorità. Ir-rimedju għal dan it-tip ta' aġir hu kontemplat fl-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-Awtorità qed tirrispondi a bażi tal-presuppost li din hi azzjoni li tressqet taħt l-Artikolu 469A.*

1. *L-azzjoni hi perenta, billi t-terminu perentorju ta' sitt xhur ikkontemplat fis-subinċiż (3) tal-istess artikolu għadda.*

2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni fir-rigward tal-perjodu bejn l-1994 sad-19 ta' April 2004 hi res iudicata u dan għaliex l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) kienet diġà ċaħdet il-pretensjoni ta' Angelo Spiteri li l-vetturi inkwistjoni kellhom jiġu liċenzjati[1].*

3. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad li:*

a. *L-allegazzjoni ċentrali f'din l-azzjoni hi li l-Awtorità hija responsabbli għad-danni peress li kisret id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379). Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust tat-8 ta' Ottubru 2008 (li hija d-deċiżjoni li*

[1] **Angelo Spiteri vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija u Michael Seychell bħala Chairman, għan-nom u in rapprezentanza tal-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku**, Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali), (19 ta' April 2004).

*kkonkludiet li kien hemm ksur tal-Kap 379 min-naħa tal-Awtorità) hi soġġetta għal talba għal stħarriġ ġudizzjarju u jekk dak l-istħarriġ iwassal biex id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust tiġi annullata, l-azzjoni tisfa fix-xejn. Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità tirrileva li hemm lok għal soprasessjoni ta' din il-kawża sakemm tiġi deċiża l-kawża dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerċ Ġust. Kopja tar-rikors ġuramentat u tar-risposti relattivi tal-intimati annessi u mmarkati bħala Dokument ADT 2.*

b. *Sabiex tirnexxi din l-azzjoni, s-soċjetà rikorrenti jeħtieġ li tipprova (i) il-mala fede tal-Awtorità jew l-aġir mhux raġonevoli tagħha; u (ii) id-danni allegatament imġarrba minħabba l-allegat aġir; (iii) in-ness bejn l-allegati danni u l-kawża ta' dawn id-danni minħabba l-allegat aġir tal-Awtorità; u (iv) illi hi qdiet l-obbligu tagħha li timminimizza d-danni allegati. Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità tiċħad li hi ħatja ta' kwalsiasi aġir in mala fede u/jew illegali u/jew li hi responsabbli għal u/jew li kkawżat kwalunkwe dannu lill-atturi.*

*B'riżerva għall-eċċezzjonijiet ulterjuri b'mod partikolari, però mhux biss, f'każ li l-atturi jiddikjaraw li din mhix azzjoni mressqa taħt l-Artikolu 469A.*

***Il-Fatti***

1. *Fir-rigward tal-ewwel paragrafu, l-Awtorità ma tistax tikkummenta dwar liema konsiderazzjonijiet għamel is-Sur Spiteri biex wasal għad-deċiżjoni biex jimporta open top buses. Jiġi rilevat li l-Pjan Strutturali għall-Gżejjer Maltin kienet biss dikjarazzjoni ta' ħsieb*

*min-naħa tal-Gvern li, naturalment, wieħed ma setax jikkommetti ruħu a bażi tagħha jekk mhux a riskju tiegħu.*

2. *Fir-rigward tal-fatti esposti mir-rikorrenti fit-tieni paragrafu, jiġi rilevat li l-Awtorità qatt ma tat permess lir-rikorrenti sabiex huma joperaw l-open top buses mertu ta' din il-kawża. Jingħad li l-Awtorità ma oġġezzjonatx għar-rikjesta tar-rikorrenti li jimporta l-open top buses in kwistjoni sakemm il-vetturi kienu jikkonformaw f'kull ħin mar-Regolamenti tal-Pulizija u mar-regolamenti tal-Awtorità (vide Dok AS 3 ppreżentat mir-rikorrenti);*

3. *Il-fatti msemmija fil-paragrafu numru 3 mhumiex kontestati;*

4. *Fir-rigward tar-raba' paragrafu l-Awtorità tgħid li din il-kwistjoni tinfirex fuq perjodu bejn l-1993 sal-2008 matul liema perjodu sar ċertu tibdil u emendi fil-liġijiet u l-policies tal-Gvern u tal-Awtorità. L-Awtorità infurmat lil Angelo Spiteri u/jew ir-rikorrenti li l-open top buses inkwistjoni jiġu liċenzjati biss jekk dawn jikkonformaw mal-liġijiet u regolamenti li jkunu viġenti. L-Awtorità ddeċidiet ma tilliċenzjax l-open top buses peress illi (i) dawn il-vetturi ma kinux jikkonformaw mal-liġi meta ġew importati, u (ii) sussegwentement ħadet id-deċiżjoni li ma lliċenzjatx il-vetturi inkwistjoni abbażi ta' konsiderazzjonijiet ta' road safety, kif jidher mill-korrispondenza annessa u mmarkata bħala Dokumenti ADT3, ADT4, ADT5 u ADT6.*

5. *Fir-rigward tal-ħames paragrafu l-Awtorità ssibha diffiċli tifhem kif Angelo Spiteri u, wara mewtu, ir-rikorrenti jgħidu li huma ġew imċaħħda illegalment għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena mill-permessi u mil-liċenzji meħtieġa. Kif diġà ngħad, mis-sentenza tal-*

*Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) tal-2004, l-Awtorità ma kinitx aġixxiet b'mod illegali bejn 1993 sal-2004. Addizzjonalment, kif ġià ġie rilevat (i) l-Awtorità ddeċidiet li ma tilliċenzjax il-vetturi meta kienu importati għaliex dawn ma kienux jikkonformaw mal-liġi u (ii) sussegwentement ħadet id-deċiżjoni li ma lliċenzjatx il-vetturi inkwistjoni abbażi ta' konsiderazzjonijiet ta' road safety.*

6. *Fir-rigward tal-fatti esposti fis-sitt paragrafu, jingħad li r-rikorrenti kienu għamlu ilment mad-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta li permezz tiegħu ġie allegat li ċertu aġir tal-Awtorità kien jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 9(2)(e) tal-Kap 379 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Awtorità irrispondiet illi hi ma kinetx tikkwalifika bħala intrapriża skont il-Kap 379 li kien jipprovdi li l-kelma 'intrapriża' tfisser:*

   *"Kull persuna sew jekk tkun individwu, korp magħqud jew mhux magħqud jew kull enti oħra, bi skop ta' xi, **attività ekonomika** u tinkludi grupp ta' intrapriżi" (emfazi miżjuda).*

   *Id-Direttur kien aċċetta r-risposta tal-Awtorità u ddeċieda li l-Kap 379 ma setgħax japplika fil-konfront tal-Awtorità billi l-Awtorità mhix intrapriża ai termini tal-Kap 379. Wara din id-deċiżjoni, tressqu proċeduri quddiem il-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust li ddeċieda b'mod differenti mid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta.*

7. *L-Awtorità taqbel mal-fatti esposti fil-paragrafu numru 7. Jingħad però li f'dan ir-rigward l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ppreżentat kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex id-*

*deċiżjoni tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust tal-15 ta' Ottubru 2008 tiġi soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju u sabiex tiġi dikjarata nulla u inattendibbli.*

8. *Fir-rigward tat-tmien paragrafu l-Awtorità tiċħad li hi qatt aġixxiet b'mod illegali u tiċħad li hi responsabbli għal xi danni kummerċjali li allegatament sofrew ir-rikorrenti;*

9. *Fir-rigward tad-disa' paragrafu, jiġi rilevat illi l-liċenzji li ġew maħruġa lil operatur ieħor inħarġulu wara li rebaħ tender li kien miftuħ għall-pubbliku – liema tender kien ġie maħruġ b'mod ġust u trasparenti. Ir-rikorrenti kellhom kull dritt u kull opportunità li jipparteċipaw fil-proċess kompettittiv għall-ħruġ tat-tender iżda qatt ma ssottomettew l-applikazzjoni tagħhom f'dan ir-rigward. Jiġi rilevat ukoll li dan l-operatur kien obbligat kuntrattwalment li jara li l-vetturi li jopera jilħqu ċerti standards ta' inter alia safety u emissions;*

10. *Fir-rigward tal-għaxar paragrafu, l-Awtorità m'għandhiex x'tikkummenta;*

11. *Fir-rigward tal-ħdax-il paragrafu, kif diġà eċċepit, l-Awtorità tiċħad li hi qatt aġixxiet b'mod illegali u tiċħad kull responsabbilità għall-allegati danni li sofrew ir-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru, 2009 fejn il-Qorti kif diversament ippresjeduta tat żmien lill-avukati difensuri tal-partijiet biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

Rat is-sentenza tat-28 ta' Ottubru, 2010 ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta li ħelset lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-ħarsien tal-ġudizzju, u laqgħet l-eċċezzjoni tad-dekadenza taħt l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-atturi u kkundannathom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Rat ir-Rikors tal-Appell ippreżentat mill-atturi fis-17 ta' Novembru, 2010 li appellaw mis-sentenza deċiża fit-28 ta' Ottubru, 2010.

Rat ir-Risposti tal-Appell ippreżentati rispettivament mill-konvenuti, mill-Kummissarju tal-Pulizija fit-2 ta' Diċembru, 2010 u mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta fl-14 ta' Diċembru, 2010.

Rat is-sentenza tat-30 ta' Mejju, 2014 tal-Qorti tal-Appell li ddisponiet mill-imsemmi appell tal-atturi billi (i) qieset li l-Kummissarju tal-Pulizija hu leġittimu kontradittur għall-azzjoni attriċi iżda ċaħdet it-talbiet attriċi fil-

konfront tiegħu peress li tqis l-azzjoni perenta taħt l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u (ii) fil-konfront tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta rrevokat is-sentenza appellata fejn sabet l-azzjoni attriċi perenta u b'hekk ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tal-imsemmija Awtorità, u ordnat li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' u tiddeċiedi l-każ fil-konfront biss tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Rat is-surroga tat-18 ta' Settembru, 2014 fejn din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif inhi llum ippresjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' April, 2015 fejn il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità konvenuta dwar *res iudicata* u dwar is-soprasessjoni pendenti l-eżitu tar-Rikors Maħluf numru 592/2009 fl-ismijiet Awtorità dwar it-Trasport vs Avukat Ġenerali et.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta u għal digriet dwar it-talba tal-istess konvenuta għas-

soprasessjoni pendenti l-eżitu tar-Rikors Maħluf numru 592/2009 fl-ismijiet Awtorità dwar it-Trasport vs Avukat Ġenerali et.

**Ikkunsidrat:**

Din is-sentenza hija dwar l-eċċezzjoni tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta li l-azzjoni attriċi fir-rigward tal-perjodu bejn l-1994 sad-19 ta' April 2004 hi *res iudicata* u dan għaliex il-Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) kienet diġà ċaħdet il-pretensjoni ta' Angelo Spiteri li l-vetturi inkwistjoni kellhom jiġu liċenzjati.

L-eċċezzjoni tar-*res iudicata* għandha bħala s-sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibbiltà ta' pluralità ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbiltà ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat. [2]

Il-principju li l-*exceptio rei iudicatae* għandha bħala fundament tagħha l-interess pubbliku, insibuh enunzjat fis-sentenza **Francesco Aquilina vs Negoziante Giuseppe Gasan et**[3] li tagħmel ukoll riferiment għall-prinċipju li huwa għall-ġid pubbliku li kawża tiġi fi tmiemha *(interest rei publicae ut sit finis litium).*

[2] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Charles Cortis vs. Francis X. Aquilina et** deċiża fil-25 ta' Settembru, 2003 (PA (JRM)).
[3] Qorti tal-Appell (Kummerċjali), deċiża fil-5 ta' Novembru, 1934.

L-eċċezzjoni tal-ġudikat tmur lura għal żmien id-dritt Ruman li kien jabbraċċja r-regola li l-ġudikat jitqies li hu inkontestabbli biex ikun iggarantit li r-relazzjonijiet soċjali jiżvolġu b'mod paċifiku.[4]

Peress li meta tkun milqugħa l-*exceptio rei iudicatae,* din ikollha l-effett li tiġi mwaqqfa kawża li altrimenti jkun xieraq li tinstema' u tiġi maqtugħha mill-Qorti, din l-eċċezzjoni għandha tiġi interpretata b'mod strett, jew fi kliem il-Qorti fis-sentenza su ċitata **Francesco Aquilina vs Negoziante Giuseppe Gasan et** – *strictissimae interpretationis*.

Kif ġie rilevat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Caterina Gerada vs Avukat Dr Antonio Caruana**[5] "l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tiġi ammessa b'ċirkospezzjoni kbira".

Barra minn hekk skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna f'każ ta' xi dubbju, l-Qorti għandha taqta' kontra l-eċċezzjoni tal-ġudikat. Ara s-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg et vs Anthony Willoughby**[6] fejn intqal li 'f'kull każ, kif affermat fis-sentenza a Vol. XXIX P I p 1155, *"nel dubbio il giudice non deve propendere per la cosa giudicata".*[7]

---

[4] Manuale di Diritto Processuale Civile a cura di Magistrato Cesare Taraschi (XXV Edizione, Edizione Giuridiche Simone, 2015, p. 505) – *"Il problema era già avvertito in diritto romano, il quale accolse la regola che il bene giudicato diventa incontestabile, al fine di garantire il pacific svolgimento dei rapporti sociali".*

[5] Deċiża fis-7 ta' Marzu, 1958 u ċċitata fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg et vs. Anthony Willoughby** (PA (PS)). deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003.

[6] Deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003 (PA (PS)).

[7] Ara wkoll **Frans Sammut vs. Paul Caruana**, Appell, Sede Inferjuri, deċiża fid-9 ta' Mejju 1997.

L-eċċezzjoni tar-*res iudicata* sabiex tirnexxi, jeħtieġ li tissodisfa għadd ta' rekwiżiti li joħorġu mill-ġurisprudenza segwita mill-qrati tagħna. Il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-Artikolu 730 għalkemm jagħmel riferiment għall-eċċezzjoni tar-*res iudicata* fis-sens li bħal fil-każ ta' ċerti eċċezzjonijiet dilatorji oħrajn, l-eċċezzjoni tar-*res iudicata* għandha tiġi deċiża b'kap għaliha, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu, jonqos madankollu milli jagħti tifsira ta' dawk l-elementi meħtieġa biex tirnexxi l-eċċezzjoni tar-*res iudicata.*

Skont il-ġurisprudenza segwita mill-qrati tagħna, tlieta huma l-elementi rikjesti sabiex kawża tkun tista' tiġi mwaqqfa milli tkompli tinstema' u t-talbiet attriċi jiġu miċħuda minħabba sentenza definittiva li tkun ingħatat preċedentement f'kawża oħra - li fil-kawża fejn tkun ġiet mogħtija sentenza definittiva u fit-tieni kawża li tkun għadha pendenti, ikun hemm: (i) *eadem personae,* fiż-żewġ kawżi ikun hemm involuti l-istess partijiet; (ii) *eadem res,* iż-żewġ kawżi jkollhom l-istess oġġett; (iii) *eadem causa petendi*, iż-żewġ kawżi jkollhom l-istess kawżali.

Huwa magħruf illi l-elementi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet mogħtija f'kawża bejn l-istess persuni fuq l-istess oġġett u għall-istess kawżali (*eadem personam, eadem res, eadem petendi*) bħal fil-kawża l-ġdida.[8] Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenzi fl-ismijiet **Rabat Construction Ltd vs**

[8] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg et vs. Anthony Willoughby** ġja ċitata.

**Cutajar Construction Company Limited**[9] u **Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs M. O/Time Limited**[10] u l-ġurisprudenza hemmhekk ċitata.

Dawn it-tliet elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u sabiex ikun jista' jingħad li hemm *res iudicata*, iridu jikkonkorru t-tliet elementi li huma. Altrimenti fin-nuqqas ta' xi wieħed minn dawn l-elementi rikjesti, ma tistax tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tar-*res iudicata* u t-tieni kawża ikun jista' jitkompla s-smigħ tagħha fuq l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra u fuq il-mertu.[11]

**(i) *Eadem Personae***

Biex tkun tista' tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat wieħed mill-elementi li jrid jissussisti huwa li s-sentenza ġja maqtugħa tkun f'kawża bejn l-istess persuni li huma l-kontendenti fil-kawża fejn tkun ingħatat l-eċċezzjoni tal-ġudikat.[12] Fis-sentenza **Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia**[13] il-Qorti qalet li "biex ikun hemm il-ġudikat, jeħtieġ li s-sentenza ta' qabel kienet ġiet maqtugħa bejn l-istess persuni".

In-nuqqas ta' dan l-element tal-identità tal-persuni huwa biżżejjed biex jeskludi l-ġudikat, 'il għaliex min ma kienx parti fil-kawża li għaddiet inġudikat ma jistax jitqies li hu marbut b'dik is-sentenza u li ma tikkostitwix stat fil-

[9] PA(RCP) deċiża fid-9 ta' Jannar, 2002.
[10] PA(RCP), deċiża fis-17 ta' Frar 2000. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Crocefissa Sammut et vs. Joseph Spiteri**, deċiża fl-10 ta' Ottubru, 2003 (QA).
[11] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Jan Christian Nygaard vs. Carmen Nygaard** deċiża fil-15 ta' Settembru, 2014 (PA (JZM)).
[12] Ara s-sentenza **Charles Grixti vs. Salvino Schembri et**, deċiża fil-11 ta' April, 1958 (Appell Vol. XLII. I. 198).
[13] Deċiża fit-13 ta' Frar, 1958 (PA) Vol. XLII. II. 917.

konfront tiegħu.[14] Kif ingħad fis-sentenza **Innocenza Debattista vs Giovanni Farrugia**[15]:

> *"quanto alla necessità di identità delle parti, dessa deriva come è evidente, dalla essenza intima del concetto di giustizia per cui è domandato che non si possa condannare, e per riflesso non si possa portar pregudizio alle ragioni di una persona, senza che questa sia stata messa nella possibilità di poter difendersi – 'ne inauditus condemnetur' (Digesto Italiano, Vol. VIII, Parte I, Cosa Giudicata (Civile), para 58)".*

Applikat dan il-prinċipju għall-każ odjern, din il-Qorti tirrileva illi l-kawża fl-ismijiet **Angelo Spiteri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u Michael Seychell bħala Chairman, għan-nom u in rapprezentanza tal-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku** (Appell Kostituzzjonali 1539/93) li ġiet maqtugħa b'mod definittiv u irrevokabbli fit-30 ta' April, 2003 u li qiegħda tiġi invokata mill-Awtorità konvenuta bħala l-bażi għall-eċċezzjoni tagħha tal-ġudikat, kellha bħala attur lil Angelo Spiteri, illum mejjet.

Min-naħa l-oħra, l-atturi fil-kawża odjerna huma Alfred Spiteri u Joseph Spiteri, ulied Angelo Spiteri li qegħdin jivvantaw pretensjonijiet li abbażi tagħhom qegħdin jallegaw li sofrew danni referibbilment kemm għal żminijiet meta missierhom Angelo Spiteri kien għadu ħaj, kif ukoll għal żminijiet meta missierhom kien ġie nieqes.

---

[14] Ara s-sentenza **Charles Cortis vs. Francis X Aquilina et** ġja ċitata.
[15] Deċiża fit-13 ta' Frar, 1958 (PA (JCC)).

Apparti li l-Awtorità konvenuta m'għamlitx il-prova skont ma trid il-liġi li l-atturi huma l-*aventi causa* ta' Angelo Spiteri, lanqas ma jista' jiġi argumentat li l-atturi qegħdin jaġixxu fil-kawża odjerna bħala eredi tal-istess Angelo Spiteri, 'il għaliex id-danni li qegħdin jirreklamaw in parti jirreferu għall-perjodu ta' żmien meta missierhom kien diġà miet.

Għalhekk din il-Qorti tqies illi l-element rikjest tal-*eadem personae* (l-identità tal-persuni) ma ġiex sodisfatt u minħabba f'hekk l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun miċħuda.

**(ii) *Eadem Res***

Element ieħor li hu rikjest flimkien maż-żewġ elementi l-oħra meħtieġa biex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-ġudikat, huwa dak tal-*eadem res,* l-identità tal-oġġett[16], l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida irid ikun identiku għall-oġġett mitlub fit-talba preċedenti li ġiet deċiża b'sentenza li għaddiet inġudikat.[17]

Sentenza li għaddiet inġudikat ma tistax timpedixxi li tiġi proposta talba ġdida quddiem il-Qorti, jekk it-talba ġdida tkun maħsuba biex tinkiseb xi ħaġa differenti minn dak li kien ġie mitlub b'azzjoni preċedenti li ġiet deċiża b'mod definittiv u li għaddiet inġudikat. Minn dan isegwi li anki jekk l-oġġett tal-kawża ġdida hu b'xi mod simili għall-oġġett tal-kawża li kienet għaddiet

[16] Ara s-sentenza **Joseph Ellul Mercer noe vs. Albert Borg Olivier de Puget et** (Appell 7 ta' Frar, 1958, Vol. XLII. I. 5; p. 10).
[17] **Rabat Construction Ltd vs. Cutajar Construction Company Limited**, ġja ċitata.

inġudikat, din is-similarità m'għandhiex tkun ta' ostakolu biex isir talba ġdida għaliex l-effetti ta' sentenza li tkun għaddiet inġudikat huma limitati għal dak li kienu talbu u ssottomettew il-partijiet f'dik il-kawża u għal dak li jkun ġie deċiż mill-Qorti.[18]

Din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited[19]**, tipproponi dan it-test li ġej sabiex jiġi determinat jekk fiż-żewġ kawżi kienx hemm *eadem res:*

> *"mill-interpretazzjoni li jagħtu d-diversi awturi ta' kif għandha tiġi determinata l-identità tal-oġġett, jidher illi l-aħjar mod hu li teżamina jekk il-kwistjoni mqajma fit-talbiet attriċi ġietx deċiża minn sentenza li tkun għaddiet inġudikat. Illi għalhekk, wieħed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet ġewx determinati mis-sentenza l-oħra jew baqax irriżolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun ġiet diskussa u deċiża, allura jkun hemm l-identità tal-oġġett".*

Applikat dan it-test għall-każ odjern, din il-Qorti tirrileva li s-sentenza li għaddiet inġudikat kienet dwar talba biex il-konvenuti jiġu kkundannati jikkonċedu lill-attur in-numri tar-reġistrazzjoni relattivi għall-vetturi inkwistjoni. Mentri fil-kawża preżenti l-atturi qegħdin jitolbu r-riżarċiment mingħand il-konvenuti tad-danni allegatament sofferti minnhom b'kon-segwenza tal-għemil illegali tal-konvenuti wara li permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fil-15 ta' Ottubru, 2008, ġie

[18] Ibid.
[19] Ibid.

dikjarat li l-għemil tal-Awtorità konvenuta fil-konfront tal-atturi kien jikser l-Artikolu 9(1), (2) (e) tal-Kap. 379, u li l-Awtorità konvenuta aġixxiet abbużivament, b'mod illi mmanipulat is-suq sabiex taġevola l-kompetituri diretti tal-atturi.

Huwa evidenti li l-kwistjoni mqajma fit-talbiet attriċi fil-kawża preżenti ma kinitx ġiet deċiża mis-sentenza li għaddiet inġudikat. It-talbiet attriċi f'din il-kawża huma ibbażati fuq il-pretensjoni li l-atturi għandhom dritt għar-riżarċiment tad-danni li allegatament sofrew "minħabba l-aġir illegali tal-konvenuti kif premess". Din il-Qorti tirrileva li fil-premessi tar-Rikors Maħluf odjern, l-atturi invokaw bħala l-bażi għat-talba għar-riżarċiment tad-danni allegatament sofferti minnhom, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust li sabet li l-Awtorità konvenuta kienet aġixxiet b'mod abbużiv fil-konfront tal-atturi meta ma ħarġitx lill-atturi n-numri tar-reġistrazzjoni relattivi għall-vetturi inkwistjoni.

It-talbiet tal-atturi fil-kawża preżenti għar-riżarċiment tad-danni ma setgħu qatt ikunu deċiżi bis-sentenza li ġiet maqtugħa b'mod definittiv fit-19 ta' April, 2004 li qiegħda tiġi invokata mill-Awtorità konvenuta bħala l-bażi għall-eċċezzjoni tagħha tal-ġudikat. It-talbiet tal-atturi fil-kawża odjerna huma msejsa fuq dak li ġie kkonstatat u deċiż mill-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust fid-deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2008, liema deċiżjoni ngħatat erba' snin u nofs wara li kienet ingħatat l-imsemmija sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' April, 2004 li l-atturi qegħdin jinvokaw bħala ġudikat.

Sakemm ma jkunx hemm ebda deċiżjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx ġiet prekluża minn ebda deċiżjoni definittiva mogħtija fil-ġudikat, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deċiża u ma jistax mill-parti l-oħra jingħad li josta l-ġudikat għad-deċiżjoni tal-kawża l-ġdida.[20]

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tqis illi f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jissusistix l-element ta' *eadem res*, u minħabba f'hekk ukoll l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma tistax tiġi milqugħha.

**(iii) *Eadem Causa Petendi***

Permezz tal-element rikjest tal-*eadem causa petendi* huwa meħtieġ illi *"the cause of the claim"*[21] fit-talba l-ġdida tkun l-istess bħal dik fit-talba preċedenti li tkun ġiet deċiża u li tkun għaddiet inġudikat.[22] *The cause of the claim* ossija l-kawżali fil-kawża l-ġdida trid tkun ibbażata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tal-kawżali fil-kawża preċedenti li ġiet deċiża b'sentenza lil għaddiet inġudikat.[23]

Applikat dan ir-rekwiżit tal-*eadem causa petendi* għall-każ preżenti, din il-Qorti tqis illi fil-kawża su ċitata li għaddiet inġudikat, il-kawżali f'dik il-kawża kienet l-allegat dritt kweżit li l-attur ivvanta fil-konfront tal-konvenuti u li minħabba dan id-dritt pretiż skont l-attur dawn kellhom jiġu obbligati

[20] Ara is-sentenza fl-ismijiet **Caterina Gerada vs. Av. Dr. Antonio Caruana,** ġja ċitata.
[21] **Rabat Construction Ltd vs. Cutajar Construction Company Limited**.
[22] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Don Vincenzo Galea noe vs. Luigi Camilleri** (PA 15 ta' Frar, 1957 – Vol. XLI. II. 900).
[23] **Rabat Construction Ltd vs. Cutajar Construction Company Limited**.

jirreġistraw il-vetturi tat-tip *open top double deckers* għall-użu fit-triq bħala servizz ta' trasport pubbliku.

Min-naħa l-oħra l-kawżali fil-kawża preżenti hija it-talba tal-attur li b'konsegwenza tal-għemil illegali tal-konvenuti kif premess fir-Rikors Maħluf u ċjoè kif ikkonfermat bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust fil-15 ta' Ottubru, 2008, l-atturi sofrew danni għal liema danni hija responsabbli l-Awtorità konvenuta.

Għalhekk din il-Qorti tikkonkludi li m'hemmx l-*eadem causa petendi* fiż-żewġ kawżi, liema element huwa meħtieġ li jikkonkorri flimkien maż-żewġ elementi l-oħrajn sabiex tkun tista' tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-ġudikat u taqa' din il-kawża.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta, bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-istess Awtorità konvenuta.**

Moqrija

< Sentenza In Parte >

--------------------TMIEM---------------------